# Għid il-Ħamsin - 31 ta' Mejju 2020

*Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art.*



Illum il-Knisja qed tiċċelebra l-festa ta' Pentekoste, l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq, l-Appostli, nhar Għid il-Ħamsin.

Ġesu' jgħidilhom, "Ħudu l-Ispirtu s-Santu!" Illum ukoll jonfoħ fuqna u jagħtina l-Ispirtu tiegħu, l-ispirtu ta' kuraġġ, ħajja u armonija.

Insellmu lill-adolexxenti li qegħdin jippreparaw għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. J'Alla bil-għajnuna tal-ġenituri u l-parrini tkomplu tixtiequ l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħkom u tgħidu "Iva" għal dak li l-Mulej jixtieq mingħandkom.

**Ejjew inkomplu nitolbu għal xulxin, filwaqt li nipparteċipaw flimkien fil-Quddiesa tal-Ħadd fid-9.30am fuq TVM2.**

# Liturġija tad-Dar fil-Familja



[“Nefaħ fuqhom ...”]

[Għid il-Ħamsin 2020]

# Messaġġ tal-Arċisqof Scicluna lill-adolexxenti li qed jippreparaw għas-sagrament tal-Griżma



Mons. Arcisqof ħejja messaġġ għal dawk l-adoloxxenti li qed jippreparaw biex jirċievu s-Sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof.

---

## Quddiesa is-Sibt 7PM




**Quddiesa għaż-Żgħażagħ – 30 ta' Mejju, 7pmIl-Vġili ta' Għid il-Ħamsin**

Ċelebrant: **Fr Brendan Gatt**

Animazzjoni: **The New Victorians**

Il-Quddiesa ta' nhar is-Sibt li ġej ser tixxandar ukoll hawnhekk:
https://knisja.mt/quddiesa-ghaz-zghazagh-30-ta-mejju-7pm/

---

# Rużarju mal-Papa Franġisku




**Illum is-Sibt 30 ta' Mejju, fil-5:30pm,** il-Papa Franġisku se jingħaqad ma' santwarji Marjani minn madwar id-dinja u jmexxi t-talba tar-Rużarju biex bl-għajnuna t'Alla tintemm il-pandemija tal-Covid-19 fid-dinja.

Ir-Rużarju se jixxandar b'mod dirett mill-Grotta ta' Lourdes li tinsab fil-Ġonna tal-Vatikan, fuq **TVM2**, Newsbook.com.mt u **knisja.mt,** kif ukoll mill-paġna ta' Facebook tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

---

# Riżorsi għat-tfal

be kids

## The Ascension of the Lord



Għal tfal ta' bejn 4 u 7 snin

Għal tfal ta' bejn 8 u 11-il sena

Mument ta' talb mal-ġenituri

Moment of prayer with parents

## L-Ispirtu s-Santu



Reflection by Fr. Martin Cilia MSSP on the Holy Spirit

## Pentekoste - riflessjonijiet u mużika.



Il-Komunita ta' żgħażagħ MSSP, għal din is-Solennita tal-Pentekoste preparat podcast b'riflessjonijiet u muzika biex tgħinnha nidħlu f'iktar profondita tal-Spirtu Qaddis ta' Alla. Għafas hawn biex tisma din il-podcast.

https://oratorjumssp.org/pentecoste-podcast/